# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar is-7 ta' Frar 2023

**Rikors Numru : 516/2022JPG**

**Kawza Numru : 13**

**SB**

**Vs**

**MB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SB datat 28 ta' Settembru 2022, a fol 1, li jaqra hekk:

1) *Illi l-partijiet zzewgu fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena 2008 fil-parrocca Lapsi gewwa San Giljan, u dana skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

2) *Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti ta' Dr Elisa Falzon datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena 2019 (Dok B);*

3) *Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment u l-att tas-separazzjoni qed jigi osservat fl-intier tieghu;*

4) *Illi li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal iktar minn tlett (3) snin u l-esponenti ma jarax li hemm xi prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni;*

5) *Illi b'hekk ir-rekwiziti tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma*

*kollha sodisfatti.*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet;*
ii. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

*U dan taht kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi izda l-intimata ma ntavolat ebda risposta.

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar 2023 fejn wara li gie spjegat lill-intimata d-drittijiet legali taghha l-intimata rrispondiet li ma tehtiegx assistenza legali u li mhux qed topponi ghad-divorzju.

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit Dok C, fol 16) illi l-kontendenti ilhom separati permezz ta' kuntratt datat 22 t'Awwissu 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Elisa Falzon. Jghid li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt tifal li ghadhom minorenni. Iddikjara illi ilu jghix separatament minn martu iktar minn tlett snin u li ma hemmx arretrati ta' manteniment dovut.

**L-intimata xehdet** (vide fol 22) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur ghajr illi ddikjarat li ilhom jghixu separatament biss ghal ftit iktar minn sena.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Ottubru 2008, liema zwieg jgib certifikat numru 2064/2008 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Elisa Falzon nhar it-22 t'Awwissu 2019 (vide Dok B fol 5 et seqq.). Di piu', il-partijiet ilhom jgixu separatament minn xulxin ghal aktar minn sena. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2064/2008 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**